MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**Carmelo Bonnici ta' 23 sena iben Joseph u Antonia nee Farrugia, imwieled il-Pieta' fl-24 ta' Novembru, 1977 u li joqghod Blk B, Flat 6, Binja tal-Faqqanija, Dawret it-Torri, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 12078 (M)**

**Benedetto Bonnici ta' 21 sena, iben Joseph u Antonia nee Farrugia, mwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu, 1980 u residenti Block B, Flat 6, Binja tal-Faqqanija, Dawret It-Torri, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 187880 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Carmelo Bonnici u Benedetto Bonnici li gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn 6 u 7 ta' Marzu, 2001 gewwa Hal-Qormi:
(a) bil-hsieb li jikkommettu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, u cioe billi qalghu il-boldijiet u skurfini ta' crain compressor tal-marka coles minn fuq l-istess crain bin-numru GAA-337 li kien ipparkjat fi Triq ir-Raghaja, Qormi, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.
(b) Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq partijiet ta' crain compressor ghad-detriment ta' Carmelo Caruana minn Hal-Qormi, liema hsara hi ta' aktar minn hamsin lira Maltinizda anqas minn hames mitt lira Maltin
(c) U aktar talli rendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Lil Carmelo Bonnici wahdu akkuzat talli:
(d) fl-istess data, hin, u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PS 160 Mario Mifsud persuna nkarigata minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
(e) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura Ford Escort hamra bin-numru ta' registrazzjoni LAI-053 meta skond sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Peralta datata 6.11.2000 kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza ghal perjodu ta' sena.
(f) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer saq vettura Ford Escort hamra bin-numru ta' registrazzjoni LAI-053 minghajr licenzja tas-sewqan, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni.

(g) U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur, naqas li jaghmel transfer tal-vettura LAI-053, ta' l-ghamla escort, fi zmien sebat ijiem u naqas li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-miktub b'dan it-transfer. Naqas ukoll li jgedded il-licenzja tal-vettura.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-istess akkuzati fl-interrogatorju wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u li in oltre ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat pero' li fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2003 l-akkuzati biddlu l-kontestazzjoni taghhom u ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ikkonsidrat

Rat l-atti kollha tal-kawza, b'mod partikolari l-istqarrija rilaxxata minn Benedetto Bonnici u x-xhieda moghtija minn Carmelo Bonnici fl-atti ta' l-inkjesta. Tista' tghid li anke f'dan l-istadju hemm ammissjoni ta' l-ahwa Bonnici fir-reati lilhom addebitati. Anzi fl-istqarrija ta' Benedetto Bonnici wiehed anke jsib illi gia kien hemm ftehim ghall-bejgh ta' dan il-kompressur.

Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzati. Jidher li fil-fatt dawn ma gharfux jiehdu ebda beneficcju minn dak li kien il-Kap 152, anzi ma fehmu xejn tant li ghadhom qed jikkommettu l-istess tip ta' reati.

Ghaldaqstant qed issibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artiklu 261, 263, 267, 270, 271, 14 u 31 tal-Kap 9 kif ukoll l-art 278 u 20 tal-Kap 9. Rat ukoll fil-konfront tat-tnejn l-artiklu 325, 49, 50, 41 tal-imsemmi Kapitlu.

Di piu fil-konfront ta' Carmelo Bonnici rat ukoll l-art. 96 tal-Kap 9, l-art 22, 15 tal-Kap 65, l-artiklu 3 tal-Kap 104.

Rat anke l-verbal tal-partijiet li jhossu li jkun idoneu l-artiklu 5 tal-Kapitlu 152. Pero' din il-Qorti ma tinsab xejn konvinta minn dan in vista tal-fatt li huma gia bbenefikaw minn tali artikoli pero' ftit jidher li l-Probation Order kellha xi effett fuqhom in kwantu regghu ikkommettew l-istess tipi ta' reati. Illi anzi Carmelo Bonnici aggrava s-sitwazzjoni tieghu billi anke kien sejjer ihebb b'shaft ghas-surgent PS 160.

Ghalhekk qeghda tikkundanna lil Benedetto Bonnici ghal piena karcerarja ta' seba xhur.

In oltre qeghda tikkundanna lil Carmelo Bonnici ghal piena karcerarja ta' disa' xhur u dan anke wara li rat l-art 17 tal-Kap 9 fil-konfront tat-tnejn. Tikkundanna wkoll lil Carmelo Bonnici ghal multa ta' Lm 500 (hames mitt lira Maltija), tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal sena mil-llum.

Tordna wkoll li l-vettura Escort LAI-053 intuzat biex jigi kommess dan ir-reat, tigi debitament konfiskata ai termini ta' l-artikolu 23 tal-kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------